31999R0493

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 493/1999

ta' l-5 ta' Marzu 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) 1516/96 ([2]), u partikolarment l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir- Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) 2916/95 ([4]), u partikolarment l-Artikoli 5(4) u 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni tas-suq għall-ovalbumina u lattalbulmina ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) 2916/95, u partikolarment l-Artikoli 3(4) u 10 tiegħu,

Billi l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([6]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 117/1999 ([7]), jipprovdi li d-dazju addizzjonali fuq it-talba ta' l-importatur jista' jistabbilixxi fuq il-bażi tal-prezz ta' l-importazzjoni *cif*; billi fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ġie deċiż li huwa obbligatorju li jkun stabbilit dazju addizzjonali fuq il-bażi tal-prezz *cif* ta' l-importazzjoni; billi l-Artikoli 3 u 4(1), l-Anness I u t-Titolu tar-Regolament għandhom jiġu emendati skond din id-Deċiżjoni;

Billi l-prezzijiet diversi prezzijiet li jservu bħala bażi biex jistabbilixxu l-prezzijiet rappreżentattivi għandhom ikunu definiti aħjar;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1484/95 huwa emendat kif ġej:

1. It-titolu tar-Regolament għandu jaqra:

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi r-regolamenti dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dazji addizzjonali ta' l-importazzjoni u l-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u biex iħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE."

2. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

— it-tieni inċiż ta' l-ewwel paragrafu hiuwa mibdul b'dan li ġej:

"— prezzijiet *cif* ta' l-importazzjoni; għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-fatturi li ġejjin għandhom jikkostitwixxu l-prezz *cif* ta' l-importazzjoni: (a) prezz fob fil-pajjiż ta' oriġini; u (b) spejjeż tat-trasport u l-assigurazzjoni sal-punt ta' meta jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Komunità,"

— fl-aħħar frażi ta' l-paragrafu 1, "Dawn il-prezzijiet" tinbidel bi "Il-pezzijiet rappreżentattivi",

— fit-tieni paragrafu, "tielet" tinbidel bi "it-tieni u t-tielet".

3. L-Artikolu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. Id-dazju addizzjonali għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz *cif* ta' l-importazzjoni tal-konsenja f'dak il-każ bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

2. Meta l-prezz *cif* ta' l-importazzjoni kull 100 kg ta' konsenja ikun ogħla mill-prezz rappreżentattiv applikabbli li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 2(1), l-importatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jimportaw ta' l-anqas il-provi li ġejjin:

— il-kuntratt tax-xiri, jew kull dokument ieħor ekwivalenti,

— il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni,

— il-fattura,

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
([2]) ĠU L 189, tat-30.7.1996, p. 99.
([3]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
([4]) ĠU L 305, tad-29.12.1995, p. 49.
([5]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 104.
([6]) ĠU L 145, tad-29.6.1995, p. 47.
([7]) ĠU L 15, ta' l-20.1.1999, p. 4.

— iċ-ċertifikat ta' l-oriġini (meta applikabbli),

— il-kuntratt tat-trasport,

— u, fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-polza tal-merkanzija.

3. Fil-każ li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 2, l-importatur għandu jippreżenta l-garanzija li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 248(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (*), egwali għall-ammont tad-dazju addizzjonali li hu kien ikun ħallas kieku l-kalkolu tad-dazju addizzjonali kien sar fuq il-bażi tal-prezz rappreżentattiv applikabbli għall-prodott f'dak il-każ, kif muri fl-Anness I.

4. L-importatur għandu jkollu xahar żmien mill-bejgħ tal-prodotti f'dak il-każ, bla ħsara għal limitu ta' sitt xhur mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera, biex jagħti prova li l-konsenja tkun ġiet mibjugħa skond il-kondizzjonijiet li jkunu konfermi dwar il-korrettezza tal-prezzijiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2. Min jonqos li jissodisfa waħda jew oħra minn dawn id-dati ta' limitu jitlef il-garanzija ppreżentata Minkejja dan, il-limitu ta' żmien ta' sitt xhur jista' jiġi mtawwal mill-awtoritajiet kompetenti b'massimu ta' tliet xhur fuq it-talba ta' l-importatur, li għandha tkun issostanzjata kif jixraq.

Il-garanzija ppreżentata għandha tiġi rrilaxxata sal-punt li prova tal-kondizzjonijiet għall-bejgħ tkun ipprovduta għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali. Inkella, l-assigurazzjoni għandha tkun isekwestrata permezz tal-ħlas ta' dazji addizzjonali.

5. Jekk wara l-verifika, l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li l-ħtiġiet ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġewx milqugħa, huma għandhom jieħdu lura d-dazju xieraq skond l-Artikolu 220 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92. L-ammont tad-dazju li għandu jittieħed lura jew li jkun fadal li jittieħed lura għandu jinkludi l-imgħax mid-data li l-oġġetti jkunu rrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera sad-data ta'meta jittieħdu lura. Ir-rata applikabbli ta' l-imgħax għandha tkun dik fis-seħħ għal ħidmiet ta' rkupru simili skond il-liġi nazzjonali.

(*) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.".

4. Il-fraži introduttorja ta' l-Artikolu 4(1) hija mibdula b'dan li ġej:

"Jekk id-differenza bejn il-prezz li joħloq effett li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 1(2) u l-prezz *cif* ta' l-importazzjoni tal-konsenja f'dak il-każ:"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-25 ta' Marzu 1999.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel fil-5 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni